# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 6**

**Rikors numru 463/05 AL**

**Dr. Louis Buhagiar**

**v.**

**Prim Ministru, Ministru tas-Sahha, Direttur Generali tas-Sahha fil-kwalita` tieghu ta' Tabib Principali tal-Gvern**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell maghmul mill-attur minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Frar 2012, li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet il-kawza billi sabet li d-decizjoni kontestata kienet wahda ta' amministrazzjoni interna u ghalhekk, a tenur tas-subinciz 2 u l-Artikolu 6 tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta'

Organizzazzjoni u Procedura Civili hija insindikabbli mill-qrati; konsegwentement l-ewwel Qorti cahdet "it-talbiet kollha attrici" u laqghet "l-eccezzjonijiet kollha" tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra l-attur.

**Mertu**

2. In succint, jirrizulta mill-provi illi fis-sena 1999 l-attur kien gie maghzul mill-allura kap tad-Dipartiment tal-Medicina, il-Professur Duttur tal-Medicina Carmelo Mallia, sabiex max-xoghol li kellu bhala konsulent fl-Isptar San Luqa huwa jaqdi wkoll funzjonijiet ulterjuri li kienu ta' natura amministrattiva b'remunerazzjoni msejjha "*Administrative Allowance*"[1] ta' LM548.50 fis-sena meqjusa izjed bhala rikonoxximent ghall-kontribut tal-attur lid-dipartiment milli bhala remunerazzjoni ghax-xoghol ulterjuri assenjat lilu. Dottor Raymond Busuttil, Direttur Generali fid-Dipartiment tas-Sahha, jispjega li "*ma jesistix il-grad ta' Senior Consultant*"[2] izda jezisti "*grad ta' konsulent li jigi assenjat responsabbilitajiet amministrattivi biex imexxi sezzjoni ta' Dipartiment, f'dan il-kaz [dak] tal-medicina*".[3]

3. Ghalkemm dan l-inkariku dak iz-zmien kien informalment igorr mieghu t-titolu ta' *Senior Consultant*, din il-karika m'hijex rikonoxxuta fl-Iskeda tal-Gradi tas-servizz pubbliku kontenuta fil-*Public Services*

[1] Fol.53
[2] Fol.37
[3] Fol.38

*Management Code.*[4] Konsegwenza ta' dan, ir-remunerazzjoni, li hija pjuttost nominali, kienet giet stabbilita li tkun nofs id-differenza bejn is-salarju ta' konsulent[5] u dak tac-chairman[6] li jkun imexxi id-dipartiment. Din l-*Adminstrative Allowance* tohrog mill-ftehim settorjali bejn il-Gvern u l-MAM [l-Assocjazzjoni Medika Maltija][7] li jipprovdi ghal tali remunerazzjoni ghal dawk il-konsulenti li jigu maghzula jaghmlu dan ix-xoghol. Ix-xhud Victor Tonna, li jahdem fl-*accounts section* tad-dipartiment fl-isptar[8] spjega li l-attur kellu dritt ghal din ir-remunerazzjoni ghax kien *"heading a speciality".* Ix-xhud kompla jghid li l-kariga ta' *Senior Consultant* ma tezistix ufficjalment, izda l-konsulenti bejniethom kienu jirreferu ghal din il-pozizzjoni b'dik in-nomenklatura. Il-Konsulent Dottor Alfred Caruana Galizia, ic-chairman prezenti fid-Dipartiment tal-Medicina, jghid li l-inkariku li jinghata lil konsulent li jigi maghzul biex jaghmel doveri amministrattivi huwa wiehed ta' natura temporanja.

4. L-attur jikkonferma li meta l-Professur Mallia kien assenjalu responsabbiltajiet amministrattivi fis-sezzjoni tan-nefrologija tad-dipartment, l-inkarigu kien inghata lilu verbalment u ma kienx gie segwit b'xi ittra tal-hatra.

4 Fol.120 et seq.
5 Grad 4
6 Grad 3
7 Fol.50
8 Fol.59

5. Jirrizulta li, wara snin li l-attur kien ilu jaghmel dan ix-xoghol, fis-sena 2004 tnehhielu dan l-inkarigu u nghata lil konsulent iehor Dottor Manwel Farrugia[9]. Dan sar minghajr ma nghatat lill-attur ebda notifika u opportunita` li jaghmel il-kaz tieghu qabel ma ttiehdet dik id-decizjoni amministrattiva. L-attur isostni li dan l-ghemil amministrattiv da parti tal-konvenuti jmur kontra d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 469A fuq citat, senjatament il-principju tal-gustizzja naturali tal-*audi alteram partem*.

6. Minn naha taghhom il-konvenuti f'eccezzjoni preliminari jsostnu li d-decizjoni mehuda ma tinkwadrax fid-definizzjoni, kontenuta fis-subinciz 2 tal-artikolu fuq citat, ta' ghemil amministrattiv sindikabbli mill-qrati.

## Is-Sentenza Appellata

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha abbazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-attur xehed u qal illi huwa specjalizzat fil-medicina interna u jiehu hsieb pazjenti li jkunu morda bil-qalb, kliewi, fwied, l-imsaren, pressjoni, izda izjed minn hekk umbaghad specjalizza izjed fil-fond fil-qasam tal-kliewi u fil-fatt kien il-konsulent li gie inkarigat mid-Dipartiment tas-Sahha 1981 meta kien ghadu kif gie mill-Ingilterra wara li kien specjalizza hemm hekk sabiex jistabilixxi f'Malta id-Dipartiment tal-Kliewi, illi sa dak iz-zmien ma kienx ghadu jezisti. L-attur kompla jixhed illi sabiex ikompli jispecjalizza kien intbaghat fuq kors barra minn Malta fi sptar u meta irritorna Malta kien l-ewwel illi

[9] Fol.139 – Dan jghid li f'Lulju 2004 gie informat permezz ta' ittra mid-Dipartiment tas-Sahha li hu kien gie "designated bhala Lead Clinician. "Jispjega wkoll li n-nomenklatura *Senior Consultant* kienet zvijjanti ghax ufficcjalment qatt ma kien hemm dik il-kariga [Fol.143] Jghid ukoll li bhala Lead Clinician illum ma jehux remunerazzjoni. [Fol.148]

introduca is-sistema tal-kidney dialysis u ghal aktar minn ghaxar snin shah kien jiehu hsieb pazjenti li jkunu morda bil-kliewi, tant illi jkollhom bzonn id-dialysis tal-kliewi. Huwa kien jikkorrispondi u jgib Malta hafna specjalisti minn barra u sentejn wara li introduca is-sistema tad-dialysis introduca ukoll il-qasam tat-trapjant tal-kliewi billi kienu igibu kirurgi minn barra, umbaghad il-pazjenti jiehu hsiebhom hu u dan kien jaghmlu b'mod regolari mill-1983 sallum peress illi huwa ghadu jaghmel dan ix-xoghol l-isptar Mater Dei. L-attur xehed illi dak iz-zmien kien appuntat bhala Consultant Physician, jigifieri ma kienx jiehu hsieb biss il-kazijiet tal-kliewi, izda kazijiet ohrajn, izda id-dipartiment tal-kliewi kien tefa ir-responsabbilita ta' dawn il-pazjenti totalment f'idejh u dak iz-zmien u anke illum ma hemmx il-post ta' nefrologu l-isptar. L-attur spjega illi nefrologu huwa bniedem li jkun appuntat specifikament fuq il-kliewi biss. L-attur xehed illi kien gie appuntat bhala Senior Consultant fl-1999 ghaliex f'dak iz-zmien ma kienitx tezisti din il-kariga ta' Senior Consultant. Meta umbaghad ghamlu din il-kariga ta' Senior Consultant il-Kap tat-Dipartiment tal-Medicina li kien il-Professur Carmelo Mallia kien sejjahlu fil-ufficju tieghu u appuntah Senior Consultant fil-qasam tan-nefrologija. Huwa kien spjegalu li kien ser ikun hemm renumerazzjoni zghira ta' xi ghaxar liri Maltin (LM10), izda kien inkarigah bhala Senior Consultant fil-qasam tal-kliewi. L-attur xehed illi kien taht l-impressjoni li din kienet kariga li kienet inghatatlu b'mod permanenti bhala rikonoxximent ta' dak illi kien ghamel. L-attur spjega illi mhux hu biss kien inghata din il-kariga, izda kien hemm konsulenti ohrajn fi specjalitajiet ohra li kienu inghataw dan l-inkarigu, per ezempju kien hemm il-Professur Joseph Cacciattolo, Dr Anthony Galea Debono, illi kienu wkoll inhatru bhala Senior Consultants bhalu. Ix-xhud spjega li din kienet xi haga gdida kemm bhala kariga u kif ukoll bhala prattika. Huwa spjega illi sabiex jaghmel dan ix-xoghol kien jattendi kumitati li jiddiskutu pazjenti li kienu morda bil-kliewi u kien jaghmel dak kollu li kien ikun mitlub biex jaghmel. Huwa kompla jixhed illi sussegwentement inhatar nefrologu fid-Dipartiment tal-Medicina illi kien Dr Emanuel Farrugia u dan kellu grad inqas minnu fis-sens illi hu kien Senior Consultant u Dr Emanuel Farrugia kien Consultant. L-attur kompla jixhed illi meta sar jaf li gie appuntat Dr Emanuel Farrugia bhala Senior Consultant minghajr ma hu kien gie infurmat, meta suppost illi kien is-Senior Consultant hu, kiteb lid-Direttur Generali tal-Qasam tas-Sahha Dr Raymond Busuttil u dan wiegbu billi qallu "jiddispjacini li ma ghidnielekx, imma ma ghadekx iktar Senior Consultant." L-attur xehed illi meta il-Professur Carmelo Mallia kien hatru bhala Senior Consultant dan kien ghamlu verbalment u mhux bil-miktub u ma kien hemm hadd prezenti hlief hu u il-Professur Mallia.

"Illi xehed Dr Raymond Busuttil u qal illi ma jezistix il-grad ta' Senior Consultant, izda jezisti biss il-grad ta' Konsulent illi jigi assenjat responsabbilitajiet amministrattivi biex imexxi sezzjoni tad-Dipartiment tal-Medicina. Huwa qal illi skond ftehim illi hemm bejn il-Gvern u l-Assocjazzjoni Medika Maltija, min jigi assenjat dawn ir-

responsabbilitajiet amministrattivi jithallas nofs id-differenza bejn l-iskala tas-salarju 4 u l-iskala tas-salarju 3 skond l-indici tal-Grad Civili, u din ir-remunerazzjoni hija a bazi ta' collective agreement bejn il-Gvern u l-MAM. Dr Raymond Busuttil xehed illi Dr Buhagiar ghadu impjegat l-isptar bhala Konsulent, izda tnehhielu l-obbligu amministrattiv li kellu fid-dipartiment. Dr Raymond Busuttil spjega illi hemm diversi oqsma tal-medicina fl-isptar u f'kull taqsima jkun hemm konsulent appuntat sabiex jamministra dik it-taqsima, illi jkun appuntat mic-Chairman tal-Medicina u jithallas allowance ta' dan ix-xoghol addizzjonali li jkun qieghed jaghmel. Dr Busuttil xehed illi jaf illi Dr Buhagiar kellu dan l-inkarigu, izda ma kienx jaf min tahulu. Huwa qal illi fis-sena 2000 ic-Chairman tal-Medicina kien il-Professur Carmel Mallia. Ix-xhud kompla jghid illi kien hemm rakkomandazzjoni ta' Dr Caruana Galizia lil Dr Cachia, li huwa id-Direttur ta' Institutional Health, sabiex il-post ta' amministratur tal-qasam tar-Renal Medicine jinghata lil Manwel Farrugia u kienu baghatulu il-file ghall-informazzjoni tieghu. Ghalhekk id-diskrezzjoni ghall-ghazla ma kienitx tieghu, izda tad-Direttur tal-Medicina. Dr Raymond Busuttil xehed illi ma jafx x'inhi il-procedura interna ta' l-isptar u ghalhekk ma setghax jghid kif gie infurmat, jew kif suppost gie infurmat Dr Buhagiar meta ma baqghax aktar fil-kariga, izda gie appuntat haddiehor minfloku.

"Illi xehed Victor Tonna u qal illi hemm ftehim settorali bejn MAM u il-Gvern li jipprovdi ghall-Administrative Allowance ghal min ikun qieghed imexxi taqsima specjali fl-isptar, bhalma kien jaghmel l-attur. Din hija imsejjha Administrative Allowance u hija nofs id-differenza bejn is-salarju ta' konsulent u ta' Chairperson li tammonta ghal hames mija, tmienja u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (LM548.50) fis-sena qabel it-taxxa. Is-Sur Tonna kompla jixhed illi din l-allowance ma baqghetx tinghata lill-attur f'Jannar tas-sena 2004 peress illi ma kienx ghadu hu f'dik il-posizzjoni, izda kien hemm haddiehor minfloku. Is-Sur Tonna xehed illi kemm fiz-zmien li kien qieghed jircievi l-allowance, kif ukoll issa, l-attur dejjem kien konsulent u kien hemm persuni ohrajn illi kienu wkoll qeghdin jircievu din ir-remunerazzjoni amministrattiva u kienu wkoll konsulenti.

"Illi xehed Dr Alfred Caruana Galizia, ic-Chairman tad-dipartiment tal-medicina, u qal illi l-attur huwa konsulent fid-dipartiment tal-medicina u il-job description tieghu hija "general physician with special interest in nephrology." Huwa xehed illi temporanjament l-attur kien inghata doveri amministrattivi fis-sezzjoni tan-nefrologija, izda ma kienx jaf min kien hekk appuntah, izda normalment id-decizjoni tittiehed mid-Direttur tas-Sanita. Min ikun inghata dawn id-doveri jiehu allowance zghira. Sussegwentement ix-xhud qal illi il-kariga ta' Direttur tas-Sanita ma tezistix, izda il-kariga hija Director of Institutional Care. Dr Caruana Galizia kompla jixhed illi l-attur ma ghadux jokkupa dak l-inkarigu, ma setghax jiftakar min ha din id-decizjoni, imma haseb illi hadha id-Director of Institutional Care, wara li ikkonsulta mieghu u effettivament ftakar illi id-Direttur Dr John Cachia kien ikkonsulta

mieghu u huwa kien tah il-parir tieghu f'dan ir-rigward. Il-parir li kien tah kien illi ma jibqax Dr Buhagiar f'dak l-inkarigu, izda jidhol haddiehor illi fil-fehma tieghu kellu kwalitajiet aktar accettabbli, aktar korretti biex jaghmel dak ix-xoghol amministrattiv u din il-persuna kien Dr Emanuel Farrugia, illi x-xhud ikkonferma li dak iz-zmien lanqas kien konsulent. Dr Caruana Galizia xehed illi huwa kien ilmenta mal-attur illi mhux dejjem kien isibu meta jkollu bzonnu, izda qatt ma kien kitiblu f'dan ir-rigward, kien biss kellmu. Ix-xhud qal illi kien kellem lill-attur fuq l-unavailability tieghu ghal aktar minn darba u hu ma kienx wiegeb ghaliha, qaghad biss jisimghu. Ix-xhud qal illi kien hemm ukoll affarijiet ohrajn illi kienu jinkwetawh, affarijiet illi kien jaqra fil-gazzetti u li hu kien ippretenda illi Dr Buhagiar kellu joffri ir-rizenja tieghu mill-kariga, izda huwa ma kienx offriha. Mistoqsi, ix-xhud wiegeb illi kien jaf illi l-attur kien fetah u rebah kawza ta' libell dwar dak li kien qieghed jidher fil-gazzetti. Ix-xhud qal illi l-iktar li kien jinkwetah kien illi l-attur ma kienx ikun l-isptar fil-hin meta suppost illi jkun hemm.

"Illi xehed ukoll Tony Bugeja, Nursing Officer u Transport Co-ordinator fir-Renal Unit tal-isptar, u qal illi ir-Renal Unit twaqqfet fl-1982, jew fl-1983 u twaqqfet taht is-supervizzjoni tal-attur, peress illi qabel ma kien hemm b'xejn. Kien hemm bzonn illi l-istaff ikun ittrajnjat, kellha tintrema il-unit u inbeda is-servizz tad-dialasi, it-training u l-apparat, kollox taht is-supervizzjoni tal-attur. Ix-xhud xehed illi l-attur kien irrangalu sabiex jaghmel kors l-Ingilterra fuq id-dialasi u fil-fatt ghamel aktar minn kors wiehed. Ix-xhud qal illi dak iz-zmien l-attur kien l-unika konsulent fuq id-dialasi, kien "a point of reference", kien jara certu pazjenti morda bil-kliewi u kien ikun parti fis-sala, illi dak iz-zmien kienet kombinata ma medical ward ukoll, dejjem fir-renal section. Ix-xhud qal illi dak iz-zmien kienu ghadhom qeghdin jinbdew it-trapjanti f'Malta tal-kliewi u dan ir-repart twaqqaf ukoll bl-ghajnuna tal-attur. Ix-xhud kompla jghid illi qatt ma kellu problemi sabiex jikkuntattja lill-attur, anke jekk l-attur kien ikun imsiefer, ghaliex meta kien ikun imsiefer kien jaghtih direzzjoni minn fuq it-telephone u meta kien ikun Malta u dan anke sallum, meta tinqala kwistjoni ta' trapjant din tkun xi haga urgenti u l-attur jinqala u jmur l-isptar anke bil-lejl. Ix-xhud qal illi sallum il-gurnata l-attur baqa "point of reference" peress illi ghandu wkoll il-pazjenti tieghu. Ix-xhud qal illi l-attur ghadu accessibbli u ikun "point of reference" dejjem fejn si tratta tal-pazjenti tieghu, peress illi illum il-gurnata hemm tlett konsulenti f'dan ir-repart.

"Illi l-Qorti rat ix-xiehda ta' Dr Emanuel Farrugia, konsulent mediku, illi xehed illi gie appuntat f'Novembru 1992 bhala l-ewwel konsulent fin-nefrologija f'Malta u gie mahtur responsabbli ghad-Dialysis Unit u ghar-renal transplant services u attwalment ghandu il-kariga ta' Administrative Head fil-qasam tan-Nefrologijia, u din il-kariga inghatatlu sa minn l-1 ta' Lulju 2004. Huwa spjega illi qablu kien jokkupa dan l-inkarigu Dr Louis Buhagiar u din il-kariga giet krejata amministrattivament fis-sena 2000. Huwa xehed illi gie mgharraf bil-kariga fis-6 ta' Lulju 2004 minn Dr Cachia, illi dakinhar kien id-Direttur Sahha Istituzzjonali. Huwa qal illi l-kariga tinghata mid-Direttur

Generali tas-Sahha fuq konsultazzjoni mac-Chairman tad-Dipartiment tal-Medicina u mhux wara xi sejha ghall-applikazzjonijiet mill-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. Ix-xhud qal illi meta Dr Buhagiar inghata dan l-inkarigu fis-sena 2000, huwa kien iddisappuntat peress illi ix-xoghol konness mal-amministrazzjoni kwazi kollu kien jaghmlu hu u dan sa minn meta hu kien irritorna lura mill-Istati Uniti fl-1992 u hekk ghadu jaghmel sallum. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti f'rapporti, guidelines, protocols, studji, innovazzjonijiet u dak kollu illi ghandu x'jaqsam mal-mard tal-kliewi f'Malta. Minhabba dan ix-xoghol, ihoss illi d-decizjoni amministrattiva illi huwa inghata din il-kariga kienet decizjoni tajba. Ix-xhud qal ukoll illi meta sar jaf li Dr Buhagiar kien inghata il-kariga fis-sena 2000 kien mar jitlob informazzjoni minghand ic-Chairman tad-Dipartiment tal-Medicina ta' dak iz-zmien u kien gie infurmat illi din il-kariga kienet saret minhabba seniority peress illi Dr Buhagiar kien ikbar minnu fl-eta, izda hu kien hass u ghadu ihoss illi kariga ma kellhiex tkun abbazi ta' min hu l-ikbar fl-eta, izda kellha issir skond kwalifiki, meriti u analizi tax-xoghol ikkontribwit mill-persuna koncernata. Huwa xehed ukoll illi minhabba il-kontribut tieghu, huwa kien il-persuna li kienet tigi ikkuntattjata meta tinqala xi problema konnessa man-nefrogogija."

………….. omissis……………….

"Illi xehed John Abela, Assistant Director, illi xehed illi ma tezistix il-kariga ta' Senior Consultant. Ix-xhud qal illi meta jkun hemm bzonn f'xi dipartiment ta' l-isptar, illi xi hadd ikun fdat b'supervisory, jew administrative duties, allura din il-persuna tinghata allowance illi tkun nofs id-differenza bejn scale 4, li hija l-iskala li biha jithallsu il-konsulenti u scale 3. Izda il-grade ta' senior consultant ma jezistix u qatt ma ezista.

"Illi rega xehed Dr Manuel Farrugia u qal illi huwa jkollu hafna iktar xoghol, hafna aktar pazjenti mill-attur fl-isptar u qal illi illum il-gurnata il-kariga illi huwa jokkupa, illi qabel kienet tissejjah Consultant Administrative Duties, issa tissejjah Lead Clinician. Ix-xhud qal illi anke fiz-zmien illi Dr Buhagiar kien Administrative Head ix-xoghol kien jaghmlu hu, per ezempju dejjem ipprepara l-annual reports hu. Huwa kien introduca wkoll hafna medicini godda, kien jaghmel ukoll research u studji. Ix-xhud qal illi illum il-gurnata ma ghadha tinghata l-ebda allowance, l-ebda renumerazzjoni, hija biss kwistjoni ta' rikonoxximent tax-xoghol illi huwa jaghmel. Dr Farrugia ikkonferma illi fl-1982 kien l-attur illi kien introduca id-dialysis f'Malta peress illi huwa kien ghadu jistudja il-medicina fl-Universita ta' Malta u ikkonferma wkoll illi kien ukoll l-attur illi introduca it-trapjanti tal-kliewi f'Malta peress illi dak iz-zmien huwa ma kienx ghadu iggradwa bhala tabib. Ix-xhud spjega li dak iz-zmien huwa lanqas kien Malta peress illi kien il-Mayo Clinic fl-Istati Uniti fejn ispecjalizza fil-kliewi u fit-trapjant tal-kliewi. Huwa kien ghamel ukoll zmien l-Ingilterra. Ix-xhud

ikkonferma illi meta irritorna Malta fl-1982 kien hemm xi pazjent, jew zewg pazjenti illi kienu ghadhom kemm bdew bil-procedura tal-peritoneal dialysis, u dak iz-zmien l-unika konsulent f'dan il-qasam kien l-attur. Ix-xhud spjega illi huwa kien biddel xi affarijiet fejn jidhlu medicini u kif jigu ittratti medikamenti ghall-pazjenti. Ix-xhud qal illi huwa ghandu aktar pazjenti mill-attur fil-qasam tal-kliewi.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-azzjoni odjerna saret a bazi tal-Artikolu 469 A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li tipprovdi ghas-sindakar ta' azzjonijiet Amministrattivi tal-Gvern, jew li imorru kontra l-kostituzzjoni, jew ghaliex ma jkunux gew osservati il-principji tal-gustizzja naturali, jew minhabba difetti ohrajn ta' natural amministrattiva.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Artikolu 469 A tal-Kap. 12 jghid hekk :

> (1) “Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss :
>
> “(a) meta l-eghmil amministrattiv jikser il- Kostituzzjoni ;
> “(b) meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin :
> “(i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorita` pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu ; jew
> “(ii) meta l-awtorita` pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil ; jew
> “(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti ; jew
> “(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.

“Dwar din l-azzjoni, il-Qorti rat sentenza ta' din il-Qorti tal-1 ta` Marzu 2004 fil-kawza fl-ismijiet “Lawrence Borg noe vs Gvernatur tal-Bank Centrali ta` Malta” li kienet konfermata b`sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Marzu 2007 fejn il-Qorti kienet qalet hekk : “Illi llum huwa accettat li l-azzjoni ghal stharrig gudizzjarju msemmija fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal- Ligijiet ta' Malta hija mahsuba biex taghti rimedju lill-individwu dwar l-imgieba tal-awtorita' pubblika fil-konfront tieghu. Is-setgha li tinghata mill-imsemmi artikolu lil Qorti fil-kompetenza taghha civili dwar ghemil amministrattiv hija jew (a) dik li tistharreg is-siwi ta' dak l-ghemil jew (b) li tiddikjarah ma jiswiex jew minghajr ebda effett. Dan tista' taghmlu meta l-ghemil jikser il-Kostituzzjoni jew meta jkun sar lil hinn mis-setgha ta' min wettqu (ultra vires). F'din l-ahhar ipotezi, dan l-eccess ta' setgha jista' jirrizulta meta l-att isir minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata twettqu, jew meta dik l-

awtorita', ghalkemm ikollha setgha twettaq dak l-ghemil, tkun naqset li thares il-principji ta` gustizzja naturali jew htiega procedurali li ta bilfors trid thares qabel ma tasal ghal dak l-ghemil, jew jekk l-ghemil jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' dik l-awtorita' billi jsir ghal xi ghan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni irrilevanti, jew meta dak l-ghemil imur b'kull mod iehor li jkun kontra l-ligi. Bil-kelma "ghemil", il-ligi tifhem ukoll cahda jew rifjut ta' talba li ssir minn persuna lil xi awtorita' pubblika ;

"Illi skond is-subinciz (ii) tal-inciz (1)(b) tal-Artikolu 469 A l-eghmil amministrattiv ikun `ultra vires' –

> "meta l-awtorita` pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil."

"Illi fid-dritt amministrattiv ta` pajjizna, li huwa fondat fuq il-ligi Ingliza, kemm il-principju tal-judicial review kif ukoll il-principji tal-gustizzja naturali kienu ilhom jigu applikati ferm qabel l-Parlament Malti ghamel ligijiet ad hoc sabiex jirregola l-materja. Dan sehh ghaliex il-Qrati Maltin kienu affermaw illi fejn tkun tirrizulta lacuna fid-Dritt Pubbliku (u d-Dritt Amministrattiv huwa fergha tad-Dritt Pubbliku), ghandha tapplika l-Ligi Ingliza.

"Illi huwa risaput li l-principji tal-gustizzja naturali huma dawk il-principji minimi li ghandhom ikunu osservati waqt proceduri anke ta` entita' amministrattiva illi ghandha il-kompitu li tiddeciedi dwar fatti li fuqhom imbaghad ghandha l-poter li tiehu decizjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tal-persuna.

"Illi l-principju audi alteram partem jirrikjedi li qabel ma tittiehed decizjoni amministrativa fil-konfront ta' persuna, dan ta' l-ahhar mhux biss ghandu jigi mgharraf, izda ghandu jinghata l-opportunita' li jghid tieghu, fuq kollox jinghata widen tassew ghal dak li ghandu xi jghid, u fl-istess waqt jinghata l-opportunita` li jiddefendi l-kaz kif inhu xieraq.

"Illi fis-sentenza Ingliza "Ridge v. Baldwin" (1964 – AC 40) 'the right to a fair hearing' gie iddikjarat bhala 'a rule of universal application'. F`dik is-sentenza, Lord Reid kien qal hekk – 'before attempting to reach any decision they were bound to inform him of the grounds on which they proposed to act and give him a fair opportunity of being heard in his own defence'.

"Illi fis-sentenza "Borg vs l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku" deciza fil-21 ta' Mejju 2009 minn din il-Qorti, inghad hekk dwar il-principji tal-gustizzja naturali - "Bil-kemm ghandu jinghad li l-htiega li t-tribunal jew awtoritajiet amministrattivi jharsu b'mod skrupoluz it-thaddin ta' dawn il-principji hija wahda li m'ghandux ikun hemm disposizzjoni espressa tal-ligi sabiex wiehed japplikaha. It-tharis ta' dawn il-principji fit-

tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika ghandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-eghmil amministrattiv. Ghall-kuntrarju in-nuqqas ta' tharis ta' dawn il-principji jwassal ghall-irritwalita' tal-eghmejjel hekk imwettqa u ghat-thassir taghhom." (ara wkoll – "Debono vs Phoenicia Systems Ltd" – Appell Inferjuri – 19 ta' Mejju 2004)

"F'sentenza ta` din il-Qorti moghtija fis-27 ta' Jannar 2011 fil-kawza flismijiet "Falzon vs Ministru ghall- Affarjiet Rurali u l-Ambjent et" kien gie ritenut hekk – "Illi ghalhekk hemm il-htiega li persuna jkollha preavviz tal-proceduri li jkunu ser isiru kontra taghha, nkluz l-akkuzi dwar l-istess u konsegwenzi li johorgu konsegwenza ta' l-istess, tant li fl-Evans De Smith's "Judicial Review of Administrative Action" (4th Edit. fol. 196) jinghad li "Natural Justice generally requires that the persons liable to be directly affected by the proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they might be in a position : (a) to make representations on their own behalf ; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held) ; and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet … In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved, and failure to give him proper notice was tantamount to denial of an opportunity to be heard on that matter". ("Dr J.Cachia Fearne v. Segretarju Permanenti et" Prim Awla, 20 ta' Ottubru 2005 ; "A Gonzi v. Malta Drydocks Corporation", Prim Awla, 27 ta' Ottubru 2004)."

"Illi f'pagna 441 ta` Administrative Law ta` Wade & Forsyth (op. cit.) jinghad hekk –

> "the rules of natural justice thus operate as implied mandatory requirements, non-observance of which invalidates the exercise of the power".

"Illi Lord Bridge fil-kawza "Lloyd vs McMahon" tal-1987 citata f`pagna 335 tal-Judicial Review Handbook (1994) ighid hekk – "the so-called rules of natural justice are not engraved on tablets of stone. To use the phrase which better expresses the underlying concept, what the requirements of fairness demand when any body, domestic, administrative or judicial, has to make a decision which will affect the rights of individuals depends on the character of the decision-making body, the kind of decision it has to make and the statutory or other framework in which it operates".

"Illi skond is-subinciz (iii) tal-inciz (1)(b) tal-Artikolu 469A l-eghmil amministrattiv ikun `ultra vires' – meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita` pubblika billi dan isir ghal

ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

"Illi fil-kuntest ta` din id-disposizzjoni, jidhol l-element ta` dak li huwa "ragonevoli" (reasonableness) u li ghandu jkun segwit mill-awtorita` pubblika meta tiddeciedi jew tezercita d-diskrezzjoni taghha. Wade ("Administrative Law") jikkumenta hekk : –

> "A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."

"Tqum il-kwistjoni dwar "the legal standard of reasonableness" li huwa mehtieg sabiex jigi sodisfatt dak ir-rekwizit ghax, kif jikkumenta l-istess awtur, "virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness … within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires."

"Illi kien ritenut ukoll li sabiex decizjoni titqies ragonevoli jehtieg li tkun bazata fuq kriterji oggettivi ("Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et" – Appell – 27 ta' Marzu 2009 u "Dalli vs Sollars et" – PA/RCP – 20 ta' Ottubru 2009).

"Illi skond il-Garner's Administrative Law, BL Jones & K Thompson, Tmien Edizzjoni, Butterworths, 1996 (pag.224) fid-Dritt Amministrattiv Ingliz, il-Qrati ghandhom is-setgha illi jissindakaw

> " … that the decision making body addressed itself to all relevant factors, and ignored irrelevant factors, in coming to its conclusions".

"Fl-istess waqt skond Forbes J fil-kawza "Pickwell v Camden London Borough Council" (1983), 1983 osserva li r-rwol tal-qorti mhwiex li jghidu "whether due or proper weight is given to a material consideration : the weight to be given to such a matter is for the body exercising the discretion to determine; the court will no more substitute its own view of the importance of anyrelevant matter than it will do so for any other matter of statutory discretion".

"Illi għal din l-azzjoni ta' l-attur, il-konvenuti laqgħu b'eccezzjonijiet kemm ta' natura preliminari u kif ukoll fil-mertu. Fost l-eccezzjonijiet hemm dik li tgħid li din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa li tistħarreg it-talbiet tal-atturi għaliex l-eżercizzju tal-ghoti tal-karigu lil konsulent biex jaghmilha tal-konsulent mexxej fost konsulenti ohra f'dipartiment ta' l-isptar San Luqa ma jikkostitwix hatra ta' natura fissa fis-servizz pubblika u huwa biss 'haga li ssir bil-ghan

ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni nterna' ta l-isptar minn sena ghal ohra, u ghalhekk dak l-inkarigu ma jikkostitwix ghemil amministrattiv fit-termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 u ghalhekk dan l-eghmil joħrog 'il - barra mill- kompetenza ta' din il-Qorti safejn tintalab biex tistħarreg għamil amministrativ meta dan ikun għemil li jsir "bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna" fi ħdan l- awtorita' pubblika li tkun.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-konsiderazzjoni legali dwar l-eccezzjoni in eżami ddur mal-kwestjoni tas-setgħa ta' din il-Qorti li tistħarreg l- ilment tal-attur. Billi din tal-lum hija azzjoni meqjusa bħala waħda ta' procedura specjali dwar stħarrig tal-għemil tal- amministrazzjoni pubblika, jibda biex jingħad li s-setgħat li l-ligi tagħti lill-Qrati f'azzjonijiet bħal din iridu jitwettqu fil- parametri preciżi li tistabilixxi l-ligi specjali. Min-naħa l- oħra, fejn din il-Qorti tissejjaħ biex twettaq is-setgħa tagħha li tistħarreg għemil ta' xi awtorita' pubblika, u x'aktarx minħabba li dan l-istħarrig huwa r-rimedju waħdien li jingħata lil min iħossu mgarrab b'dak l-għemil, din għandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-ligi ma teskludihiex milli tindaħal, u għandha tagħti lill-esklużjoni tifsira mill-idjaq.
Illi l-eccezzjoni taħt eżami trid sewwasew din il-Qorti ssib li ma tistax tistħarreg l-ilment tal-attur minħabba impediment li tqiegħed il-ligi fuq ix-xorta ta' għemil li l-attur jilmenta minnu. Il-ligi tfisser x'għandu jitqies bħala "egħmil amministrativ" fis-subartikolu 2 tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"B'dik il-frażi, l-ligi tifhem "il-ħrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant,deciżjoni jew rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaga li ssir bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita.''

"Illi l-Qorti jidhrilha li huwa meħtieg li wieħed jara safejn jista' jingħad li għemil amministrativ jaqa' taħt dik it-tifsira ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan awtorita' pubblika. Fin-nuqqas ta' tifsira fil-ligi ta' x'jaqa' taħt il-kappa ta' "organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna" fi ħdan awtorita' pubblika, wieħed irid idur għat-tifsir li jista' jingħata mill-awturi jew mill-gurisprudenza.

"Kemm hu hekk, il-fatt innifsu li dawn il-kliem m'humiex aħjar imfissrin mill-ligi nnifisha jitlob li Qorti tingħata s-setgħa li tistħarreg jekk il-fatt partikolari marbutin ma' għemil amministrattiv imressaq quddiemha jaqgħux jew le taħt l-imsemmija eccezzjoni. Hekk wieħed isib li dawk il-kliem kienu meqjusa li jirreferu għal każijiet li jirrigwardaw trasferimenti ta' ufficjali pubblici minn dipartiment tal- Gvern għal ieħor, jew l-għażla tal-post fejn ufficjal pubbliku jintbagħat jaħdem.

"Illi fid-duttrina, dawn l-atti magħmula bil-għan ta' organiżżazzjoni jew tmexxija interna fi ħdan xi awtorita' pubblika jirreferu u jillimitaw

irwieħhom għal dawk il-miżuri meħuda biex l-istess awtorita' iżżomm certa ordni fit-tmexxija tagħha ta' kuljum. B'dan li fejn tali miżura tilħaq certa livell fejn tolqot drittijiet ta' persuni, imbagħad dik il- miżura tidħol fit-territorju ta' għemil amministrativ li dwaru l-Qrati jistgħu jinqdew bis-setgħa tagħhom li jistħarrgu.

"Illi l-Qorti tagħraf li kwistjonijiet marbutin mal-għoti jew iż-żamma ta' promozzjonijiet fi ħdan korp pubbliku generalment jitqiesu bħala eżercizzju li jħaddem element qawwi ta' diskrezzjoni, u jkun marbut ma' kriterji li wħud minnhom ikunu x'aktarx soggettivi. Il-fatt li eżercizzju bħal dan ikun igorr miegħu apprezzament daqstant suggettiv minn min ikun imsejjaħ biex jagħmel l-għażliet meħtiega, ma jissarrafx waħdu f'setgħa awtomatika li Qorti, jekk tintalab minn xi ħadd aggravat b'tali process, tistħarreg x'ikun sar f'eżercizzju bħal dak. Dan għaliex wieħed irid jara jekk l-eżercizzju fih innifsu huwiex maħsub għall-organiżżazzjoni jew it-tmexxija interna tal-awtorita'pubblika li tkun għamlitu. Kien hemm drabi fejn din kienet il-fehma tal-Qrati u allura dehrilhom li ma kellhomx is-setgħa li jistħarrgu lment bħal dak.

"Illi il-Qorti hija tal-fehma li meta jitressaq quddiemha każ ta' stħarrig gudizzjarju li dwaru titqajjem eccezzjoni bħal dik li dwarha qiegħda tingħata din is-sentenza, ikun pass għaqli li tqis mhux biss l-għemil kif ikun jidher mad-daqqa t'għajn, imma wkoll x'inhu l-ilment dwar tali għemil. Dan jingħad għaliex jekk l-ilment ikun wieħed dwar użu irragonevoli ta' xi diskrezzjoni, ksur ta' xi wieħed mill-principji tal-gustizzja naturali, jew saħansitra agir abbużiv jew lil hinn mis-setgħat mogħtija mil-ligi (għemil ultra vires), jaqa' fuq il-Qorti d-dmir li tistħarreg dak il-każ għaliex il-kwistjoni ma tibqax waħda ta' "semplici" organiżżazzjoni jew tmexxija interna, imma waħda li tolqot fil-qalba r-raguni tal-azzjoni dwar stħarrig gudizzjarju tal-att amministrativ li jkun.

"Illi mill-assjem tal-provi, il-Qorti tara illi hija ma tistax tistharreg l-ilment tal-attur peress illi l-intimati, fil-hatra li ghamlu ta' konsulent mghobbi ukoll b'doveri amministrativi, ma kenux qed jaghmlu xi att amministrativ, u illi ghalhekk l-hatra in kwistjoni ma kenitx azzjoni li tista tigi mistharrga mill-Qorti a tenur tal-Artikollu 469 A tal-Kap. 16, u ghalhekk il-Qorti qeghda tichad l-ewwel talba attrici.

"Ikkunsidrat :

"Illi fir-rigward tat-tieni talba attrici, il-Qorti rat is-sentenza tat-3 ta' Mejju, 2011 (Citazzjoni Numru. 594/2007) moghtija fil-kawza fl-ismijiet Reginald Fava f'ismu proprio u ghan-nom tas-socjeta` Chemimart Ltd. (C74) vs Awtorita` Dwar il-Medicini, Tabib Principali tal-Gvern fil-kapacita` tieghu bhala Supretendent tas-Sahha Pubblika u bhala l-Awtorita` Dwar il-Licenzjar, Ministru tas-Sahha, L-Avukat Generali, fejn il-Qorti qalet illi wiehed irid jara x'inhu ezattament l-iskop ta' l-artikolu 469A li fil-fatt huwa l-istharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva. Jekk wiehed ihares lejn id-dicitura ta' l-ewwel artikolu,

jinghad li l-Qrati ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita` ta' xi eghmil amministrattiv jew jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li jinsabu elenkati taht. Is-subartikoli l-ohra jikkomplimentaw dak li inghad fl-artikolu 1, billi jiddefinixxu eghmil amministrattiv u awtorita` pubblika, isemmu t-terminu ghall-istituzzjoni ta' kawza, u jsemmu li f'azzjoni li ssir bis-sahha ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tieghu talba ghall-hlas tad-danni, liema danni m'ghandhomx jinghataw jekk l-awtorita` pubblika ma tkunx imxiet in mala fede. Jekk wiehed ihares ukoll lejt it-test Ingliz ta' l-imsemmi artikolu jsib "may enquire into the validity of any administrative act…" u dan ghalhekk jaghmilha cara li dan l-artikolu qed jitkellem fuq stharrig ta' l-azzjoni amministrattiva, ghalkemm fis-subartikolu (5) jsemmi li "it shall be lawful for the plaintiff to include in the demand a request for the payment of damages…".

"Illi fil-kawza fl-ismijiet Grech vs Ministru tax-Xoghlijiet *et*, deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Jannar 1996 intqal illi:

> ""…..il-Qrati fil-funzjoni taghhom ta' judicial review tal-operat tal-Ezekuttiv ghandhom iva id-dritt li jiddeciedu li att partikolari tal-Ezekuttiv ikun null u bla effett izda m'ghandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni riservata lill-Ezekuttiv b'dik taghhom. ". Hekk ukoll fil-kaz aktar ricenti Borda v. Ellul Micallef, deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 2009 gie osservat li, filwaqt li dawn il-qrati jistghu jissindikaw l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv jew organu iehor b'poteri gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji, u li l-awtorita' li hija moghnija b'diskrezzjoni tista tigi ordnata tezercita dik id-disrezzjoni f'kaz li tkun naqset li taghmel dan, l-istess awtorita' "ma tistax tigi dettata x'ghandha tiddeciedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari"."

"Illi ai termini tal-artikolu 469A(2) l-Qrati ordinarji ma ghandhomx gurisdizzjoni jissindikaw "mizuri ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna". Il-Qrati izda ghandhom gurisdizzjoni li jaraw li l-organi kollha ta' l-istat josservaw il-ligi.

"Illi l-Qorti tara illi irrizulta pjenament mill-provi prodotti illi l-azzjoni tal-intimati taqa' proprju fil-kategorija ta' mizuri ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna u illi ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex poter tissindikha, u ghalhekk il-Qorti qeghda tichad ukoll it-tieni talba attrici.

"Ikkunsidrat :

"Illi, in rikapitazzjoni, jerga jinghad illi, ghal dak li jirrigwarda l-ewwel talba attrici, il-Qorti rat illi d-decizjoni kienet wahda interna, u ghalhekk il-qorti ma ghandhiex sindikabilta. Il-Qorti ma tistax tidhol f'decizjonijiet amministrattivi li jirrigwardaw l-amministrazzjoni interna tal-isptar. Dan johrog specjalment peress li kif xehdu diversi xhieda (liema xiehda ma gietx kontradetta b xi xhieda ohra li pproduca l-attur), lanqas si tratta ta' kariga li tohrog mill-PSC. Kienet kwistjoni ta' internal appointment immirata sabiex ikun hemm tmexxija ahjar tal-administrative matters tal-isptar.

"Inoltre, lanqas ma l-attur ha hsieb li jipprova li tassew kien hemm, jekk se mai jaghti l-kaz, xi ksur ta wiehed mis-subartikoli tal-artikolu 469A, u dana peress li ma jirrizultax li kien hemm tehid ta' decizjoni li huwa tali li :

(a) "jikser il- Kostituzzjoni ;

"jew huwa

"(b) ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin :
"(i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorita` pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu ; jew
"(ii) meta l-awtorita` pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv
jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil ; jew
"(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti ; jew
"(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.

"Illi, ghal dak li jirrigwarda it-tieni talba attrici, il-Qorti tara illi ghandha l-obbligu tissindika l-eghmil amministrattiv biex tevalwa jekk kienx ultra vires u jekk gewx osservati r-regolamenti kollha u l-kriterji li johorgu mil-ligi. Irid isir l-istharrig gudizzjarju u l-Qorti ghandha gurisdizzjoni tistharreg il-validita` ta' l-eghmil amministrattiv u f'xi kazijiet tiddikjara eghmil null, invalidu u minghajr effett (may enquire into the validity of any administrative act). Izda l-Qorti m'ghandhiex il-mansjoni li tevalwa hi stess l-applikazzjoni u tiddeciedi fuqha, minhabba li jekk taghmel dan tkun qed tuzurpa l-funzjonijiet amministrattivi. Certament tali decizjoni trid tittiehed konformament mal-kriterji kollha stabbiliti fil-ligi.
Il-kompetenza tal-Qorti hija limitata biex tordna li tittiehed decizjoni u biex thassar decizjoni, izda mhux biex hi stess tiehu d-decizjoni flok l-Awtorita` kompetenti. Jibqa' f'idejn id-direttur generali tas-sahha li ghandha d-diskrezzjoni li jiehu d-decizjoni. Jekk imbaghad dik l-Awtorita` ma tiehux decizjoni kif titlob il-ligi, tista' tigi mgieghla taghmel dan, izda dejjem hija l-Awtorita` li trid tiehu d-decizjoni u mhux il-Qorti, b'mod li d-diskrezzjoni riservata lill-ezekuttiv trid tibqa' f'idejn l-ezekuttiv.

"Illi in oltre is-subartikolu (6) tal-artikolu 469A ighid hekk :

"(6) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, u ta' kull disposizzjoni ohra ta' din il-ligi u ta' kull ligi ohra, servizz mal-Gvern hu rapport specjali regolat b'disposizzjonijiet specjali specifikatament applikabbli ghalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn zmien ghal zmien mill-Gvern, u ebda ligi jew disposizzjoni taghha dwar kondizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet

> tapplika, ghal servizz mal-Gvern hlief safejn dik il-ligi ma tipprovdix xort'ohra.
>
> "Illi dan l-artikolu jaghti forza ta' ligi lill-pattijiet u l-kondizzjonijiet tas-servizzi mal-Gvern li jigu stabbiliti mill-Gvern minn zmien ghal zmien.
>
> "Illi, ghal din ir-raguni ukoll, il-Qorti qeghda tichad it-tieni talba attrici. Illi it-tielet talba attrici qeghda tigi michuda stante li l-ewwel u it-tieni talbiet attrici ukoll qeghdin jigu michuda."

**L-Appell**

8. Fir-rikors tal-appell tieghu prezentat fil-15 ta' Marzu 2012, l-attur jilmenta mill-fatt illi l-ewwel Qorti ikkonsidrat l-inkarigu moghti lilu fid-Dipartiment tal-Medicina fl-isptar San Luqa bhala wiehed li jaqa' fl-ezenzjoni kontemplata fl-Artikolu 469(A)(2), jigifieri li l-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni in kwantu qieset li tali mizura kienet wahda ta' amministrazzjoni interna. Ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tordna lill-konvenuti sabiex jirrepristinaw lill-attur fl-inkarigu li kellu; ukoll tiddikjara lill-istess konvenuti responsabbli ghad-danni kkawzati lilu bl-ghemil taghhom; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

9. Fir-risposta taghhom prezentata fit-28 ta' Marzu 2012, il-konvenuti talbu lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet hemmhekk esposti, tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-attur appellant.

**L-Aggravju**

10. Fil-qosor is-sottomissjonijiet tal-attur huma dawn.

11. Zmien ilu huwa kien "inhatar *Senior Consultant"* mill-Kap tad-Dipartiment tal-Medicina sabiex imexxi sezzjoni minn dak id-dipartiment. Kienu inghataw inkarigi simili f'oqsma ta' specjalizzazzjoni ohrajn. Irrizulta li wara li l-attur kien esegwixxa dan l-inkarigu fil-qasam tan-nefrologija ghal bosta snin, hu kien gie sostitwit bin-nefrologu Dr Manwel Farrugia li kellu grad inqas minnu billi dan kien konsulent biss. Din is-sostituzzjoni saret *ad insaputa* tal-attur billi dan lanqas biss kien gie nfurmat b'din id-decizjoni. Wara li l-attur kiteb lid-Direttur Generali tal-qasam tas-Sahha, dan wiegbu "*jiddispjacini li ma ghidnilekx imma m'ghadekx iktar Senior Consultant*".

12. Jissottometti li, meta iddecidiet illi l-kwistjoni odjerna hija wahda ta' amministrazzjoni interna l-ewwel Qorti zvestiet ruhha mill-gurisdizzjoni li tissindika jekk id-decizjoni mehuda mid-Dipartiment tas-Sahha dwar it-tnehhija tieghu minn dak l-inkarigu kinitx tmur kontra l-principji tal-gustizzja naturali u dan meta fil-mertu rrizulta ampjament li l-attur ma kienx inghata l-opportunita` li jghid il-parti tieghu qabel ma ittiehdet dik id-decizjoni li jigi sostitwit, liema decizjoni kienet taffettwa lilu direttament. Inoltre jilmenta wkoll li fid-decizjoni tat-tnehhija tieghu kien ittiehed kont ta' rapporti fil-*media* li kienu tefghu dell ikrah dwar l-

operat tieghu, allegazjonijiet, li dwarhom l-attur kien istitwixxa b'success proceduri gudizzjarji li bihom kienet giet ripristinata r-reputazzjoni tieghu.

13. Jghid li l-Qorti kienet totalment skorretta fl-interpretazzjoni taghha tad-definizzjoni ta' att amministrattiv skont is-subinciz fuq indikat, li ghandha tinghata tifsira mill-idjaq ghal eskluzjoni mill-parametri tal-Artikolu 469A. L-ewwel Qorti ghamlet proprju l-oppost; "kienet leggera, meta skartat l-importanza u s-sinifikat tal-kariga" meta jitqies li din bdiet tinghata in segwitu ghal ftehim settorjali bejn il-Gvern u l-MAM u li kienet iggorr maghha remunerazzjoni ekwivalenti ghal nofs id-differenza bejn l-iskala tas-salarju 4 u l-iskala tas-salarju 3 skont l-indici tal-iskali fis-servizz mal-Gvern.

14. L-attur jikkwota s-sentenza **Raymond Camilleri et v. Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati et** u jissottometti illi l-aggravju tieghu jikkoncerna l-process tal-ghazla ta' Dottor Manwel Farrugia bhala *Senior Consultant* a skapitu tieghu, u jsostni li din l-ghazla hija sindakabbli mill-qrati ordinarji taht l-artikolu precitat. Il-fatt li ma inghata la pre-avviz u lanqas avviz tat-tnehhija tieghu minn dik il-kariga u ghalhekk lanqas kellu l-opportunita` li jinstema' qabel ma ttiehdet id-decizjoni jammonta ghal nuqqas ta' tharis ta' principju ta' gustizzja naturali.

15. Il-konvenuti jilqghu ghall-appell tal-attur bil-mod segwenti:

16. In sintesi, jghidu illi l-inkarigu li kien inghata lill-attur ma jikkostitwiex hatra ta' natura fissa fis-Servizz Pubbliku izda hatra bil-ghan ta' organizazzjoni jew amministrazzjoni interna tal-isptar, liema inkarigu jinghata minn sena ghall-ohra. Minn qari tal-artikolu de quo jirrizulta li l-legislatur ried jeskludi mill-issindakar tal-qrati dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-organizazzjoni u l-amministrazzjoni interna fi hdan l-awtorita` u f'dan il-kaz tapplika l-massima li *ubi nulla ambiguitas verborum est non est facienda voluntatis quaestio.*

17. Jikkwotaw is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet **Dr Emmanuel Borda v. Profs Roger Ellul Micallef pro et noe** li fiha l-Qorti osservat illi hija mizmuma milli tistharreg decizjoni li ma taqax taht 'ghemil amministrattiv' anke jekk ikun sehh nuqqas ta' tharis tal-principji ta' gustizzja naturali jew ksur iehor kontemplat fl-Artikolu 469A (1) tal-Kap 12.

18. Jissenjalaw li fil-kaz odjern ma sar ebda interview u lanqas kien hemm l-involviment tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku. L-inkarigu kien biss arrangament *'in house'* u li ma jistax jitqies hatra ufficjali. Bhal ma l-amministrazzjoni taghti l-inkarigu tista wkoll tnehhih, u minhabba l-fatt li l-attur ma kienx qed ikun disponibbli l-isptar, l-amministrazzjoni hasset li kellu jitnehhielu dak l-inkarigu.

19. Jghidu wkoll li l-fatti tal-kawza citata mill-attur **Camilleri et v. Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati** fejn saret sejha ghall-applikazzjonijiet sabiex issir hatra fi hdan il-Forzi Armati, ma jistghux jigu ekwiparati mal-kaz odjern li jirreferi biss ghal inkarigu *in-house*.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

19. Jirrizulta mill-atti illi, ghalkemm l-attur jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti esprimiet ruhha wkoll dwar il-mertu tat-talbiet tieghu, l-aggravju tal-attur jiffoka fuq dik il-parti tas-sentenza appellata fejn jinghad li t-tnehhija tal-inkarigu tieghu taqa` taht l-eccezzjoni jew ahjar ezenzjoni, kontemplata fis-subinciz 2 tal-Artikolu 469A u ghalhekk mhijex sindikabbli mill-qrati.

20. Ghalhekk, din il-Qorti ghandha fl-ewwel lok titratta it-tifsira ta' ghemil amministrattiv ghal finijiet tal-artiklu imsemmi u senjatament jekk l-att amministrattiv de quo jinkwadrax fl-ezenzjoni imsemmija fis-subinciz fuq citat u f'kaz affermattiv din il-Qorti tieqaf hemm bis-sahha ta' dik l-ezenzjoni.

21. Is-subinciz 2, fil-parti relevanti tieghu, jghid li att amministrattiv mahrug minn awtorita` pubblika jinkludi:

> "…l-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`."

22. In tema legali ssir referenza ghas-sentenza **PA Hamid Rami v. lid-Direttur tac-Cittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni u l-Ministru għall-Intern u Sigurta' Nazzjonali** deciza fis-7 ta' Frar 2014, fejn dik il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjoni:

> "Illi huwa stabbilit ukoll li biex wieħed jista' jressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, jeħtieġ juri li kien hemm xi deċiżjoni jew rifjut għal talba magħmula jew il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess jew warrant li jsiru minn awtorita' pubblika sakemm din id-deċiżjoni, ordni, liċenza, permess jew warrant ma ssirx bil-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fi ħdan dik l-istess awtorita'. Iżda mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorita' pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorita' pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkunu sarulha.[10]"

23. Issir referenza wkoll ghas-sentenza **Denis Tanti v. Prim Ministru, Ministru et**, moghtija fis-16 ta' Novembru 2011, fejn din il-Qorti osservat hekk dwar id-definizzjoni ta' ghemil amministrattiv kontemplat fis-subinciz fuq indikat:

> "Il-poter tal-qrati li jissindakaw atti amministrattivi huwa regolat mill-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12. Is-sub-artikolu (2) ta' dan l-artikolu jeskludi mid-definizzjoni ta' "eghmil amministrattiv" kull "haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita` (pubblika)."
>
> …………….omissis………

[10] App. Ċiv. 3.4.2009 fil-kawża fl-ismijiet **Jupiter Co. Ltd. Et v. Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

"……. dan necessarjament ifisser li l-Qorti ordinarja hija vestita bil-gurisdizzjoni biex tindaga, f'ezercizzju interpretattiv ta' l-istess sub-inciz taht ezami, jekk fil-fatt att partikolari jikkostitwixxi jew le mizura ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, sabiex tiddetermina proprju jekk, bhala Qorti ordinarja, ghandhiex hi gurisdizzjoni jew le li tissindaka l-att amministrattiv in kwistjoni. [sottolinear ta' din il-Qorti] …………….. Konsegwentement il-Qrati ordinarji ghandhom gurisdizzjoni jindagaw jekk trasferiment bhal dak li nghata lill-appellat kienx verament mizura ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, u jekk jirrizulta li fil-fatt kien jikkostitwixxi tali mizura, jieqfu hemm, stante li huma prekluzi li jissindakaw il-mertu tieghu. Jekk, pero`, min-naha l-ohra jirrizulta li fil-fatt it-transfer ma kienx jikkostitwixxi tali mizura, imma kien biss kopertura, jezercitaw il-funzjonijiet taghhom ai termini ta' l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12.

*...omissis….*

"……… Ma hemmx dubbju li l-Kap ta' Dipartiment huwa l-persuna responsabbli, u l-aktar persuna idonea, sabiex tiddetermina x'inhuma l-esigenzi tas-servizz fid-dipartiment tieghu, u li l-Qrati ma ghandhomx u ma jistghux jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom ghal dik tal-Kap tad-Dipartiment dwar il-meritu ta' x'jirrikjedu l-esigenzi tas-servizz. Huwa veru wkoll illi fid-determinazzjoni ta' x'jirrikjedu l-esigenzi tas-servizz, il-Kap tad-Dipartiment jista'' … omissis... jizbalja, u l-fatt illi jista' jkun zbalja ma jammontax ghat-twettiq ta' xi illegalita`.

"Huwa veru wkoll li l-organizzazzjoni tas-servizz pubbliku hija haga illi fis-sistema kostituzzjonali taghna taqa' fil-kompetenza tar-ram Ezekuttiv tal-Gvern u mhux fil-kompetenza tal-Qrati; pero`, min-naha l-ohra, l-Qrati ghandhom il-gurisdizzjoni u d-dover li jaraw li l-organi kollha fl-Istat josservaw id-dettami tal-ligi."

24. Fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet **Dr. Emmanuel Borda v. Profs. Roger Ellul Micallef pro et noe** dik il-Qorti osservat *obiter* li:

"…. Jekk decizjoni tittiehed bil-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita' allura l-Qorti hija mizmuma mill-ligi mili tistharreg dik id-decizjoni, ukoll jekk meta tittiehed ikun sehh nuqqas ta' tharis ta' xi prinicipju ta' gustizzja naturali jew xi ksur iehor kontemplat fl-artikolu 469A tal-Kap.12, u dan ghaliex ikun naqas

element ewlieni biex jista' jsir l-istharrig bhal dak, jigifieri l-element kostituttiv tal-ghemil amministrattiv."

25. Il-pern tal-kwistjoni huwa ghalhekk jekk id-decizjoni dwar l-ghoti tal-inkariku in kwistjoni jew it-tnehhija tieghu jikkostitwux decizjoni amministrattiva skont is-subinciz 2, jew jekk jitqisux semplicement mizura ta' organizazzjoni interna mehuda ghall-ahjar amministrazzjoni u andament ta' kuljum fi hdan tad-dipartiment koncernat.

26. Dwar l-ghoti tal-inkarigu tieghu l-attur jghid[11] illi kien sejjahlu l-Kap tad-Dipartiment tal-Medicina u qallu li hu kien appuntah "Senior Consultant" biex jiehu hsieb l-amministrazzjoni tas-sezzjoni tal-qasam tal-kliewi fid-dipartiment, u li, invista ta' doveri ulterjuri li dan l-inkarigu jgib mieghu huwa kien ser ikollu remunerazzjoni zghira ta' xi LM10. Pero` l-attur jghid ukoll illi l-Kap tad-Dipartiment kien qallu li din kienet xi haga gdida, u li kienet *policy* tieghu. Jikkonferma wkoll li din il-kariga kienet inghatatlu verbalment u ma nghatalu xejn bil-miktub.

27. Minn naha tieghu Dottor Raymond Busuttil[12] jixhed illi ma jezisti ebda grad ta' *Senior Consultant* izda huwa "*grad ta' konsulent illi jigi assenjat responsabbiltajiet amministrattivi biex imexxi sezzjoni tad-dipartiment*"[13] u ta' dan kien hemm remunerazzjoni zghira imsejjha

[11] Udjenza tal-20 ta' Frar 2006 a fol 18 et seq
[12] Udjenza tat-28 ta' Novembru 2006 a fol 37 et seq
[13] Dan jigi kkonfermat ukoll mix-xhud Victor Tonna, waqt l-udjenza tat-23 ta' Mejju 2007, li jghid li dak li kien jircievi l-attur kienet 'administrative allowance'.

"Administrative Allowance". Anke l-imsemmi Joseph Abela ikkonferma li l-kariga ta' *Senior Consultant* ma tezistix fl-iskeda tal-gradi fis-servizz pubbliku.[14]

28. Fl-affidavit[15] tieghu Dottor John Cachia, Direttur Generali ghas-Servizzi tas-Sahha, jispjega li skont il-ftehim settorjali mal-MAM il-paragrafu numru 5 li jghid:

> 'Consultants heading specialities where administrative and supervisory duties are required as part of duties of the Consultant shall receive an allowance…..'

29. L-istess Direttur ikompli jispjega:

> "… dan l-inkarigu ma sarx wara li kien hemm xi sejha [pubblika] ghal applikazzjonijiet … Ma sar l-ebda interview u lanqas kien hemm l-involviment tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Jigifieri dan l-inkarigu kien xi haga li saret *in house* mill-amministrazzjoni tad-Dipartiment tas-Sahha u zgur li ma kinitx hatra jigifieri *appointment*……………Il-persuna tinghata dan l-inkarigu mill-amministrazzjoni tad-dipartiment u bhala rikonoxximent ghax-xoghol zejjed li jkun qed twettaq din il-persuna tinghata *allowance* kif stipulat fil-ftehim. Ovvjament bhal ma l-amministrazzjoni taghti inkarigu tista' wkoll tnehhih……
>
> ……………omissis…………..
>
> "……l-allowance li kien jinghata Dr.Louis Buhagiar kienet allowance amministrattiva. Kif gja ghidt qabel, l-inkarigu tieghu ma kienx hatra jew promozzjoni."[16]

30. Din il-Qorti tosserva illi mill-atti jirrizulta li l-assenjazzjoni tal-inkarigu de quo lill-attur ma saritx u lanqas kellha ssir b'sejha ghal

[14] Seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tat-23 ta' Settembru 2008 a fol 111 et seq
[15] Fol.103
[16] Foll.103-104

applikazzjonijiet, lanqas kienet meqjusa bhala hatra jew promozzjoni, imma hija biss assenjazzjoni ta' xoghol amministrattiv lilu maghzul mill-Kap tad-Dipartment, bhala l-konsulent *'heading the speciality'* biex jaqdi funzjonijiet amministrattivi u ta' supervizjoni u li ghall-istess Kap tad-Dipartiment kien il-konsulent li jirreferi ghalih dwar dak li ghandu x' jaqsam mas-sezzjoni partikolari. Din il-konkluzjoni ssib konfort ukoll fil-fatt li fil-kaz de quo ma sar xejn bil-miktub u l-assenjazzjoni saret verbalment mill-Kap tad-Dipartiment ta' dak iz-zmien. Barra minn hekk, ghalkemm din l-assenjazzjoni gabet maghha introjtu, dan tant kien minimu li kien jitqies bhala wiehed nominali, ghax l-ghoti ta' dan l-inkariku kien meqjus aktar bhala rikonoxximent ghall-kontribut siewi li kien ta l-attur maz-zminijiet fis-sezzjoni tad-dipartiment koncernat milli ghax-xoghol amministrattiv zejjed li dan l-inkarigu kien jirrikjedi. Inoltre, dan l-inkarigu m' huwiex indikat fl-Iskeda tal-Iskali tas-servizz pubbliku u l-introjtu li rceva l-attur kien bis-sahha ta' ftehim settorjali kif fuq spjegat.

31. Kif fuq premess ir-remunerazzjoni li kienet tithallas[17] la kienet wahda sostanzjali, u lanqas kienet tifforma parti mis-salarju, izda kienet '*allowance*' jew ahjar rikonoxximent, ghal dak ix-xoghol zejjed li tali konsulent ikun qed iwettaq. Xenarju dan ben differenti minn dak li kellha quddiemha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kaz citat mill-attur **Raymond Camilleri et v. Onorevoli Prim Ministru et**, li kien

[17] Skond ix-xhieda ta' Dr Emanuel Farrugia in kontro-ezami, a fol 156, tali remunerazzjoni spiccat.

jikkoncerna ghoti jew zamma ta' promozzjoni. Fl-istess sentenza gie osservat hekk:

> "Illi fid-duttrina dawn l-atti magħmula bil-għan ta' organiżżazzjoni jew tmexxija interna fi ħdan xi awtorita' pubblika jirreferu u jillimitaw irwieħhom għal dawk il-miżuri meħuda biex l-istess awtorita' iżżomm certa ordni fit-tmexxija tagħha ta' kuljum. B'dan li fejn tali miżura tilħaq certa livell fejn tolqot drittijiet ta' persuni, imbagħad dik il- miżura tidħol fit-territorju ta' għemil amministrativ li dwaru l-Qrati jistgħu jinqdew bis-setgħa tagħhom li jistħarrgu."

32. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kaz odjern huwa proprju kaz ta' mizura interna li ttiehdet sabiex tinzamm certu ordni fit-tmexxija ta' kuljum tas-sezzjoni dipartimentali in kwistjoni u bl-ebda mod ma laqtet id-drittijiet tal-attur stante li l-ghazla kienet fid-diskrezzjoni tal-Kap tad-Dipartiment u r-remunerazzjoni kienet wahda nominali.

33. Jirrizulta wkoll mill-atti illi, kuntrarjament ghal dak sostnut mill-attur fil-premessi tac-citazzjoni fejn jghid li hu "*kien qieghed izomm il-kariga ta' Senior Consultant b'remunerazzjoni",* ma tezisti ebda kariga ta' '*Senior Consultant*'[18]. Il-mansjonijiet li kienu nghatawlu ma varjaw xejn fil-grad tieghu ta' konsulent, hlief li kien konsulent b'doveri amministrattivi ulterjuri. Dan ifisser illi l-kawza odjerna hija ibbazata fuq premessa zbaljata, u allura anke ghalhekk it-talbiet tal-attur hekk kif proposti, in kwantu ibbazati fuq kariga inezistenti, ma jistghux jintlaqghu.

[18] Anke fir-rikors tal-appell tieghu l-attur jghid li x-xhieda tieghu li kien inghata l-kariga ta' *senior consultant* ma gietx kontradetta.

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-att amministrattriv de quo jezorbita mill-parametri tal-Artikolu 469A.

Ghaldaqstant l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi respint.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tichad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez a kariku tal-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb